MALTA

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 29 ta' Diċembru 2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Leeroy Balzan Engerer)**

**Vs**

**Ricardo Javier Benavides Ordonez**
**(Passaport Spanjol bin-numru XDD079333)**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Ricardo Javier Benavides Ordonez** li ġie akkużat talli nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Diċembru 2019 għall-ħabta tas-sebgħa u nofs ta' filgħodu (07:30hrs) ġewwa Triq il-Knisja, f'San Ġiljan: -

1. Volontarjament ħassar jew għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara tammonta għal anqas minn mitejn u ħamsin ewro (€250.00) għad-dannu ta' MPT Commercial Limited; *Artikolu 325 (1)(ċ) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

2. Inġurja jew hedded jew għamel offiża fuq il-persuna tal-kuntistabbli 759 Alan Mercieca u l-kuntistabbli 1200 Keith Tufigno, persuni nkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jagħmlu jew

minħabba li kienu għamlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżagħhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;
*Artikolu 95 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

3. Ma obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-awtorità jew ta' wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku u ċioè PS 850, PC 759 u PC 1200, jew ma ħalliex jew fixkel waqt li kienu jagħmlu d-dmirijiet tagħhom, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indaħlilhom fi dmirhom, billi ma ħalliex lis-Surġent 850 Steven-Ryan Micallef, il-kuntistabbli 759 Alan Mercieca u l-kuntistabbli 1200 Keith Tufigno jagħmlu dak li b'liġi kienu ordnati jew setgħu jagħmlu, jew billi ġab fix-xejn jew ħassar dak li PS 850, PC 759 u PC 1200 kienu għamlu skont il-liġi, jew b'xi mod ieħor li jkun;
   *Artikolu 338(ee) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*

4. Ħebb kontra Surġent 850 Steven-Ryan Micallef, il-kuntistabbli 759 Alan Mercieca u l-kuntistabbli 1200 Keith Tufigno sabiex jinġurjahom, idejjaqhom jew jagħmlilhom il-ħsara;
   *Artikolu 339(1)(d) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

5. Beżaq xi sustanza għal fuq xi triq jew xi post pubbliku, baħar, jew spazju fil-miftuħ li għalih il-pubbliku għandu aċċess, u/jew dan id-depożitu jew tħollija ma kienx awtorizzat b'liġi;
   *Artikolu 4(e) Ewwel Skeda A.L. 344/05*

6. Volontarjament ħassar jew għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara tammonta għal anqas minn tlieta u għoxrin ewro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€23.29) għad-detriment tal-Gvern ta' Malta u tal-Kummissarju tal-Pulizija;
   *Art. 325(1)(d) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

7. Kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;
   *Artikolu 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*

8. F'lok pubbliku jew miftuħ għall-pubbliku, kien fis-sakra b'mod li ma kienx jista' jieħu ħsieb tiegħu nnifsu;
   *Artikolu 338(ff) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

Akkużat ukoll talli fl-istess data għall-ħabta tat-tmienja ta' filgħodu ġewwa l-Għassa ta' San Ġiljan fi Triq San Ġorġ, San Ġiljan u l-ħinijiet ta' qabel ġewwa San Ġiljan:

9. Kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta *Cannabis* kollha jew biċċa minnha; *Artikolu 8 (d) tal-Kapitlu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.*

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, b'żieda ma' kull piena li jidhrilha xierqa, tordna lill-imputat Ricardo Javier Benavides Ordonez iħallas id-danni sofferti minn MPT Commercial Ltd, mill-Gvern ta' Malta u mill-Kummissarju tal-Pulizija ai termini tal-artikolu 15A (1) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex f'każ ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skont il-Liġi tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali biex din il-kawża tiġi mismugħa u deċiża minn din il-Qorti;

Semgħet lill-imputat jammetti għall-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni ġiet rikonfermata wara li l-Qorti tatu żmien biex tikkonsidra l-istess ammissjoni u spjegatlu l-piena abbinata mal-istess imputazzjonijiet;

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lid-difiża jitrattaw dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu. Wara li l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-istess ammissjoni u rat id-dokumentazzjoni esebita, hija sodisfatta li l-imputazzjonijiet jirriżultaw ippruvati skont il-Liġi.

Illi fir-rigward tal-piena, il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat u l-fatt li l-imputat huwa lest li jħallas għad-danni kkawżati minnu f'dan l-inċident.

**DECIDE**

Għaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-artikolu 95, 325 (1) (c) u (d), 338 (dd), 338 (ee), 338 (ff), u 339 (1) (d) tal-Kodiċi Kriminali, Artikolu 4 (e) tal-Ewwel Skeda tal-Avviż Legali 344/05, u artikolu 8 (d) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, tiddikjara lill-imputat **Ricardo Javier Benavides Ordonez** ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu u tikkundannah għall-ħlas ta' multa ta' elf u tliet mitt ewro (€1300) u għal sitt (6) xhur priġunerija li **b'applikazzjoni tal-artikolu 28A (1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta qegħdin jiġu sospiżi għal sentejn (2) mil-lum.**

In oltre, ai termini tal-artikolu 28H tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti qiegħda tordna lill-ħati sabiex iħallas lil MPT Commercial Limited is-somma ta' mitejn u disa' ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€209.94) u lill-Kummissarju tal-Pulizija is-somma ta' għaxar ewro (€10) rappreżentanti danni sofferti minnhom f'dan l-inċident.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju ai termini tal-artikolu 28A (4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-import ta' din is-sentenza u x'jiġri jekk jikkommetti reat ieħor punibbli bi priġunerija fi żmien sentejn mil-lum.

Finalment il-Qorti tordna l-konfiska tas-sustanza esebita fis-seduta tal-lum bħala Dokument LBE8 u tordna d-distruzzjoni tagħha mir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali u Tribunali wara li din il-kawża tgħaddi in ġudikat.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

Diane Gatt
Deputat Reġistratur